# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 t' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 154/2016 PM1**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.**
**C 8692**

**Vs**

**Oliver Azzopardi**
**ID 383667(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t'April, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, tlett mija u wiehed u hamsin euro (€4351) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjughha u debitament konsenjata mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3031/2013 (kopja annessa mal-avviz a fol. 2 tal-process) kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas l-ammont mitlub anke permezz tal-ittra ufficjali surreferita izda dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-ghaxra (10) t' Ottubru, elfejn u sittax 2016 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-ghaxra (10) t' Ottubru, elfejn u sittax (2016) u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li gietx indikata id-data tal-konsenja relattiva.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, tlett mija u wiehed u hamsin euro (€4351) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3031/2013 kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali surreferita lill-intimat ossija sitta (6) ta' Mejju, elfejn u sittax (2016) sad-data tal-hlas effettiv skont ir-rati ukoll kif mitlub.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**